# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 3 ta' Dicembru 2015**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 545/2015/LSO**

**Tamar Kelner u Isaac konjugi Maimon (ID 104486A u 104489A rispettivament) a nom u in rapprezentanza tal-minuri Dan Joshua Maimon**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Tamar Kelner u Isaac Maimon et datat 5 ta' Gunju 2015 fejn esponew: -

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' l-atturi mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru: 4536 tas-sena 2014 anness u mmarkat 'Dok A' l-isem u l-kunjom tal-attur Isaac Maimon jidhru erronjament bhala, '*Izhaq* Mimon' minnflok il-kunjom 'Isaac Maimon';

Illi l-Atturi jispjegaw illi l-isem Isaac jista' jinkiteb Izhaq ukoll;

Illi r-rikorrent dejjem gab il-kunjom Maimon u dan kollu kif jirrizulta mill-annessi fic-certifikat taz-zwieg (Dok 'B) u anki l-mara tieghu l-attrici tuza l-kunjom Maimon ( Dok 'C u D) u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-Attur dejjem kien maghruf bil-kunjom Maimon u dan huwa rifless fid-dokumenti ufficjali bhad-dokument tal-passaport Izreljan li kopja tieghu qed jigi anness (Dok E), fejn kien sar korrezzjoni ta' l-isem;

Illi *nonostante* cioe' l-att ta' twelid tat-tifel minuri ta' l-atturi juri l-isem "Mimon" u mhux "Maimon";

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna.

1. Tiddikjara li l-kunjom li bin tal-atturi huwa konsistentement maghrufa huwa "Maimon" u mhux "Mimon";

2. Tiddikjara li l-isem tal-attur Isaac Maimon huwa konsistentement maghrufa huwa "Isaac" u mhux "Izhaq"

3. Tordna sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid, anness u mmarkat Dok 'AT' minnu mahrug, bin-numru 4536 tas-sena 2014, fis-sens illi fil-kolonna intestata Missier it-Tarbija, jigi kkorregut bl-isem Isaac Maimon;

4. Tordna sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid, anness u mmarkat Dok 'AT' minnu mahrug, bin-numru 4536 tas-sena 2014, fis-sens illi fil-kolonna intestata L-Omm, jigi kkorregut bl-isem Tamar Kelner Maimon *nee* Kelner wife of the said Isaac Maimon;

5. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem ir-rikorrenti fis-sens illi kull fejn hemm isem ir-rikorrenti li huwa indikat bhala "Izhaq Mimon" jigi kkorregut l-isem "Isaac Maimon".

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 3 ta' Lulju 2015 (fol 28) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu u ddikjara u kkonferma dan li ġej:

Jesponi bil-qima u Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha tiddikjara u tikkonferma dan li gej:

1. IIli preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254** tal-Kap **16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi isem u kunjom ir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid ta' ibnu tnizzlu skont ma iddikjara huwa stess u skont ma kif jidhru fuq id-dokument ta' identifikazzjoni li huwa pprezenta fil-punt tan-notifika tat-twelid ta' ibnu. Fuq tali dokument ismu qieghed indikat bhala "Izhaq" u kunjomu qieghed indikat bhala "Mimon". Kif jigri dejjem, id-dikjarant fuq l-att tat-twelid jigi moghti l-att sabiex jiccekjah qabel mal-istess jghaddi ghar-registrazzjoni, u sabiex wara li jiccekjah, huwa jiffirmah. Galadarba r-rikorrenti ffirma l-att huwa kien qieghed jaccetta li l-informazzjoni kif tnizzlet kienet korretta.

3. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa

jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta’ Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr Malcolm Mifsud. L-intimat u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Dr Mifsud talab li l-procediment illum isir bil-lingwa Ingliza. Il-Qorti tilqa' t-talba. Irrizulta li bi zvisto l-ewwel isem tar-rikorrenti mhux imnizzel fil-kawza, u fuq talba ta' Dr Malcolm Mifsud wara li rat l-Art 175 tal-Kap 12, il-Qorti ordnat li l-okkju jigi korrett, billi qabel il-kelma "Kelner" jidhol il-pre-nom "Tamar". F'dan l-istadju tal-kawza dahlet fl-Awla Dr Stephanie Borg li ma oggezzjonatx ghat-talba kif mitluba u tat ruhha b'notifikata bil-korrezzjoni mitluba. Il-Qorti semghet it-trattazjoni ta' Dr Malcolm Mifsud, li saret bil-lingwa Ingliza bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika.

Dr Borg irrimettiet ruhha ghall-atti u ghar-risposta u affidavit tal-intimat. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Dicembru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fid-9 ta' Gunju 2015 (fol.20) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem u l-kunjom tar-rikorrent kif registrat fuq ic-certifikat tat-twelid ta' binhom jigu korretti billi 'Izhaq Mimon' jigu sostitwiti b''Isaac Maimon'. Qed jitolbu ukoll li l-kunjom ossia *family name* jigi korrett bil-kunjom 'Maimon' minnflok 'Mimon'.

Jirrizulta li r-rikorrenti huma ta' cittadinanza Izraelita. Ir-rikorrenti Tamar Kelner Maimon ghandha cittadinanza doppja mill-Izrael u mir-Repubblika Ceka. Fiz-zewg passaporti taghha kunjomha huwa imnizzel bhala 'Maimon.' Fl-affidavit taghha, (fol 27) ir-rikorrenti tispjega li l-fatt li c-certifikat tat-twelid ta' binha qed juri kunjom

differenti u cioe` 'Mimon' holoq problemi ghall-familja mal-awtoritajiet fic-Cekoslovakja. Hi dejjem taf lil zewgha bil-kunjom 'Maimon' liema kunjom hu hekk imnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid l-ewwel wild taghhom li twieled fl-Izrael.

Dan gie wkoll kkonfermat mir-rikorrent fl-affidavit tieghu (fol 34). Qal li kien hemm zball fit-traduzzjoni bl-Ingliz tal-passaport tieghu li kien redatt bil-lingwa Ebrajka (Hebrew) izda dan l-izball gie korrett ufficjalment sabiex kunjomu jitnizzel bhala 'Maimon' u mhux 'Mimon'. Riferibbilment ghal ismu, Izhaq huwa ismu bil-lingwa Ebrajka u ghalhekk it-traduzzjoni korretta hija 'Isaac'. Difatti qal li hu hekk konsistentement maghruf barra minn pajjizu.

L-Assistent Direttur tar-Registru Pubbliku, **Sonia Ekezie,** xehdet ukoll b'affidavit (fol.38) u qalet li r-rikorrent li kien gie jirregistra t-twelid ta' ibnu, pprezenta bhala dokumenti l-permess tar-residenza, fejn kunjomu kien indikat bhala 'Mimon' u l-passaport ta' martu, fejn kunjomha kien indikat bhala 'Maimon.' Anke fuq ic-certifikat taz-zwieg taghhom kunjomhom kien indikat bhala 'Maimon' filwaqt li isem l-attur kien ' Izhaq'. Inoltre, fuq il-formola rikjesta bl-**artikolu 292A tal-Kodici Civili,** iddikjaraw l-isem tar-rikorrent bhala 'Izhaq' u kunjomu 'Mimon' u isem u kunjom it-tarbija bhala 'Dan Joshua Mimon.' Dawn id-dettalji gew inseriti fuq l-att tat-twelid li inghata lir-rikorrent ghall-konferma u hekk ghamel.

Ikkonsidrat li b'dan ir-rikors ir-rikorrenti qed jaghmel zewg talbiet u cioe`, il-korrezzjoni tal-att ta' twelid ta' binhom Dan

Joshua billi isem ir-rikorrent jigi korrett minn 'Izhaq' ghall-'Isaac' u l-kunjom jigi korrett minn 'Mimon' ghall-'Maimon'.

Jirrizulta pacifiku li l-kunjom 'Maimon' jinkiteb fil-lingwa Ebrajka bl-istess mod kif jinkiteb il-kunjom 'Mimon' (ara affidavit ta' **Cjaya Mushka Segal** (fol 26) u l-affidavits tar-rikorrenti u l-izball sehh meta dan il-kunjom gie tradott bil-lingwa Ingliza.

Fost id-dokumenti esebiti hemm traduzzjoni tac-certifikat taz-zwieg (fol 9 u 10) li ghalih ghamlet riferenza wkoll l-Assistent Direttur tar-Registru Pubbliku. Din it-traduzzjoni mhiex ikkontestata u tikkonferma li l-kunjom tar-rikorrenti huwa 'Maimon'. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tichad din il-prova, sorretta wkoll b'kopja tat-traduzzjonijiet tal-passaporti tar-rikorrenti rilaxxjati mill-Istat tal-Izrael u mir-Repubblika Ceka rispettivament (Dok C u D), tal-passaport bil-korrezzjoni imsemmija mir-rikorrent (Dok E), u tal-passaport tal-minuri Rephael Maimon rilaxxjat mir-Repubblika Ceka (fol 25).

Ghaldaqstant il-Qorti taqbel mat-tezi attrici li l-kunjom korrett tar-rikorrent, u in segwitu ta' martu u ibnu huwa Maimon.

Riferibbilment ghall-isem 'Isaac' din il-Qorti hija soddisfatta li dan hu traduzzjoni bl-Ingliz tal-isem 'Izhaq' u mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent huwa konsistentement maghruf b'dan l-isem bhala traduzzjoni ta' 'Izhaq' barra mix-xtut tal-Istat ta' Izrael.

Ghalhekk il-Qorti ser takkolji t-talbiet attrici u tordna l-korrezzjonijiet mitluba.

Riferibbilment ghall-kwistjoni tal-ispejjez, il-Qorti taqbel mat-tezi tal-Intimat li kien l-istess rikorrent li kkonferma d-dettalji kif gew registrati fuq l-att tat-twelid ta' ibnu u ghalhekk m'ghandhomx jissapportu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi r-rikorrenti ghamlu talba ghall-korrezzjoni mehtiega fid-dokumenti pubblici izda ma ndikawx l-atti ohra tal-istat civili li fihom qed jitolbu korrezzjoni. Ghalhekk filwaqt li l-Karta tal-Identita' u passaporti rilaxxjati mill-entitajiet Maltin isegwu l-atti ufficjali tar-Registru Pubbliku, din il-Qorti ma tistax tilqa' it-talba maghmula hekk generikament.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **Tilqa'** t-talbiet attrici u tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrent huwa konsistentement maghruf huwa 'Isaac' minnflok 'Izhaq' u li l-kunjom tar-rikorrenti huwa 'Maimon' u mhux 'Mimon' u konsegwentement **tordna lill-Intimat** sabiex jaghmel l-korrezzjonijiet kull fejn hu mehtieg fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru progressiv erbat elef, hames mija u sitta u tletin (4536) tas-sena elfejn u erbatax (2014), skont dan li gej:

1. Billi kunjom il-minuri jigi korregut u sostitwit b'mod li 'Mimon' jigi sostitwit b'Maimon;

2. Billi fil-kolonna intestata Missier it-Tarbija, l-isem u kunjom ir-rikorrent 'Izhaq Mimon' jigi korregut u sostitwit bl-isem u bil-kunjom 'Isaac Maimon';

3. Billi fil-kolonna intestata L-Omm, jigi kkorregut bl-isem 'Tamar Kelner Maimon *nee* Kelner wife of the said Isaac Maimon';

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**3 ta' Dicembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Dicembru 2015**